

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-1 ta' Diċembru 2021 – Team Beverage vs EUIPO – Zurich Deutscher Herold Lebensversicherung (Team Beverage)**

(Kawża T-359/20) <sup>(1)</sup>

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Team Beverage – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti TEAM – Raġuni relativa għal rifut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")*

(2022/C 37/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Team Beverage AG (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spieker, A. Schönfleisch, N. Willich u N. Achilles, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Zurich Deutscher Herold Lebensversicherung AG (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Kramer, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' April 2020 (Każ R 2727/2019-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Zurich Deutscher Herold Lebensversicherung u Team Beverage.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Team Beverage AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 255, 3.8.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-24 ta' Novembru 2021 – KL vs BEI**

(Kawża T-370/20) <sup>(1)</sup>

*("Servizz pubbliku – Persunal tal-BEI – Stat ta' saħħa – Kapaċità li persuna taħdem – Assenza mhux iġġustifikata – Rikors għal annullament – Kunċett ta' invalidità – Ġurisdizzjoni sħiħa – Tilwim ta' natura pekunjarja – Ħlas retroattiv tal-pensjoni tal-invalidità – Rikors għad-danni")*

(2022/C 37/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: KL (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: G. Faedo u M. Loizou, aġġenti, assistiti minn A. Duron, avukata)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u intiża, fl-ewwel lok, għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-BEI tat-8 ta' Frar u tat-8 ta' Marzu 2019 li jiddikjaraw lir-rikorrent bħala kapaċi li jaħdem u assenti b'mod mhux iġġustifikat sa mit-18 ta' Frar 2019 u, safejn hemm bżonn, tad-deċiżjoni tal-President tal-BEI tas-16 ta' Marzu 2020 li kkonfermat dawn id-deċiżjonijiet, fit-tieni lok, għall-kundanna tal-BEI għall-ħlas retroattiv tal-pensjoni tal-invalidità tar-rikorrent sa mill-1 ta' Frar 2019 u, fit-tielet lok, għall-kumpens għad-dannu li r-rikorrent sofra minħabba dawn id-deċiżjonijiet.